**PELLEGRINI TAT-TAMA**
**Innu tal-Ġublew 2025**

*Ta' tamietna int ħuġġieġa vera,*
*bil-kant tagħna ġieħ u qima ntuk!*
*Nifsek frisk jimliena b'ħajja ġdida,*
*fik nafdaw, fit-triq gwida nżommuk.*

Kull ilsien, nazzjon u ġens fuq artna
f'Kelmtek biss isib id-dawl għall-qlub:
lilna wliedek dgħajfa u mxerrda
tilqa' u tgħożż f'Qalb Ibnek il-maħbub.

*Ta' tamietna int ħuġġieġa vera…*

Fuqna jħares l-Ispirtu bi tjieba,
iqajjimna f'sebħ ta' ħolqien ġdid,
Smewwiet ġodda jwelled f'art għammiela,
sliem jagħtina, ta' kollox hu s-Sid.

*Ta' tamietna int ħuġġieġa vera…*

Għajnejk erfa', fl-għoli itfa' ħarstek:
Alla-magħna ġie l-ħelsien jurik,
tal-Etern fiż-żmien fittex il-passi –
bniedem sar il-Verb sabiex jifdik.

*Ta' tamietna int ħuġġieġa vera…*